Qorti Civili, Prim'Awla

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru: 645/2014AE

**Carmelo Camilleri**

**Vs**

**Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma**

It-Tnejn, 5 ta' Ottubru 2015.

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-22 ta' Lulju 2014, l-attur ippremetta u talab:-

*1. Illi l-attur ilu ghal aktar minn ghoxrin (20) sena impjegat mal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-ilma u matul dawn l-ahhar snin huwa hadem bhala trenching operator u llum il-gurnata jahdem f'mahzen tal-istess Korporazzjoni;*

*2. Illi l-attur fil-kors tal-impjieg tieghu mal-Korporazzjoni konvenuta sofra griehi serji f'partijiet ta' gismu meta waqa' u wegga' f'incident li sehh nhar il-11 ta' Novembru 2009 fi Triq Bordina, San Pawl il-Bahar;*

*3. Illi konsegwenza tal-imsemmi incident, l-attur qieghed isofri minn dizabilita' ta' natura permanenti tant li gie operat f'dahru u kellu sahansitra jieqaf jahdem ghal madwar sena;*

*4. Illi ghall-imsemmi incident hi unikament responsabbli l-Korporazzjoni konvenuta minhabba att jew ommissjoni da parte taghha li jirrenduha passibbli ghad-danni;*

*5. Illi l-Korporazzjoni konvenuta ghalkemm interpellata diversi drabi mill-attur, inkluz permezz ta' zewg ittri ufficjali pprezentati nhar it-2 ta' Novembru 2011 hawn annessa u mmarkata bhala Dok. CC1 u nhar it-28 ta' Ottubru 2013 hawn annessa u mmarkata bhala Dok. CC2, baqghet inadempjenti u naqset milli tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti mill-attur konsegwenza tal-imsemmi incident;*

Għaldaqstant, l-attur jitlob għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-Korporazzjoni konvenuta hi unikament responsabbli ghall-incident li sehh nhar il-11 ta' Novembru 2009 fi Triq Bordino, San Pawl il-Bahar u ghad-danni konsegwenzjali li sofra l-attur meta bhala impjegat tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma sofra griehi serji f'partijiet ta' gismu u konsegwentement qieghed isofri minn dizabilita' ta' natura permanenti;*
*2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'rizultat tal-imsemmi incident u dan okkorrendo bil-ghajnuna ta' perit nominandi; u*

*3. Tikkundanna lill-istess Korporazzjoni konvenuta thallas lill-attur is-somma rispettiva hekk likwidata in linea ta' danni skont kif intqal hawn fuq u ghar-ragunijiet premessi.*

*Bl-imghax legali u bl-ispejjez kontra l-Korporazzjoni konvenuta nkluz dawk tal-ittri ufficjali pprezentati nhar it-2 ta' Novembru 2011 u nhar it-28 ta' Ottubru 2013 kontra l-istess Korporazzjoni konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni u b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-attur.*

Permezz ta' twegiba prezentata fis-27 ta' Awwissu 2014, il-kumpannija konvenuta wiegbet:-

*1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez u dana stante illi l-incident in kwistjoni ma garax tort u htija tal-Korporazzjoni intimata;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, se mai huwa r-rikorrenti stess li jahti ghall-incident de quo;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalsiasi kaz, ir-rikorrenti jehtieglu jipprova li d-dizabilita' allegatament sofferta minnu hija rizultat tal-incident de quo;*

Il-qorti semghet il-provi u rat l-atti li jinkludu nota ta' sottomissjonijiet tal-attur. Semghet ukoll it-trattazzjoni tad-difensur tal-konvenuta waqt is-seduta tat-30 ta' Gunju 2015.

Il-kaz jitratta dwar incident li sehh fil-11 ta' Novembru 2009 meta l-attur, impjegat tal-konvenuta, kien qieghed jaghmel xoghol fuq barra. Il-perit mediku Mr Carmel Sciberras irrelata li fl-incident l-attur wegga' ghonqu u kien hemm bzonn li ssirlu operazzjoni ta' *disc replacement*. Spjega wkoll:-

*"Min-naha l-ohra, izda, sew jien u sew Mr Ray Gatt ma sibna l-ebda evidenza oggettiva tal-hsara li hi allegata. Dan ma jfissirx li ma jkollu problema meta jerfa', jimxi ecc, u allura jkollu joqghod dejjem attent".*

Il-perit mediku rrelata li l-attur qieghed ibati minn debilita permanenti ta' **8%**.

Fir-rikors promotur l-attur ippremetta li:

*"... ghall-imsemmi incident hi unikament responsabbli l-Korporazzjoni konvenuta minhabba att jew ommissjoni da parte taghha li jirrenduha passibbli ghad-danni".*

F'nota li pprezenta waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2014, wara d-digriet tad-29 ta' Lulju 2014 (fol. 8)[1], iddikjara:-

*"3. Illi l-att jew ommissjoni li jattribwixxi lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma jikkonsisti fil-fatt li huwa ntbaghat jahdem f'ambjent li kien fih periklu u riskju ghas-sahha tieghu bhala impjegat u b'mod specifiku meta huwa waqa' 'il quddiem minn fuq bankina waqt li kien qieghed igorr ghodda u apparat tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma"* (fol. 16).

Hu principju li l-principal irid jizgura li l-impjegat jaqdi d-dmirijiet tieghu f'ambjent sigur. Pero' ovvjament dan il-principju ma jfissirx li l-impjegat jista' jaghlaq ghajnejh, fis-sens li ma jiehux hsieb tieghu nnifsu.

Il-qorti ser tirriproduci l-verzjoni li ta l-attur meta xehed fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2015 (fol. 37).

*"Fil-11 ta' Novembru 2009, kelli incident waqt li kont fuq ix-xoghol. Dan kien sehh San Pawl l-Bahar. Kont qed nahdem go blokk appartamenti hemmhekk konna qed ninstallaw l-meters tal-ilma. Jien u hiereg waqajt, meta waqajt kont qieghed fl-ghatba tal-bieb u kont ghadni kif hrigt barra. Kelli l-ghodda f'idejja. Tnalji, mazza u skarpell. Mistoqsi jekk kienx hemm ilma fl-art nghid ma niftakarx x'kien it-temp. Jien kif irfist fit-triq waqajt. Quddiem il-blokk kellna vann ipparkjat. Kont qieghed ma' kollega iehor tieghi tax-xoghol. Meta wasalna jien ipparkajtu il-vann. Niftakar li l-kollega kien qed jippostja l-affarijiet fil-vann meta jien waqajt u hbatt fih. Il-kollega jismu Steven Chetcuti. Nikkonferma li hbatt rasi go sieq siehbi. Idejja laqtet l-art il-leminija"*.

Kompla jghid:-

*"F'idejja kelli zewg tnalji zgur, mazza u jaf kelli xi haga ohra. Fil-vann ghandna kaxxa tal-ghodda imma peress li dan kien xoghol li ma jkollokx bzonn l-ghodda kollha ma qadtx nohrog il-kaxxa tal-ghodda"* (fol. 38).

*"**Ghadni ma nafx kif sibt ruhi fl-art ma nafx kif waqajt**. Mistoqsi kif f'dan ix-xenarju qed nitlob id-danni mil-Water Services Corporation, ma nafx x' ser naqbad nghid"* (fol. 39).

Fuq il-lant tax-xoghol kien hemm ukoll Stephen Chetcuti li xehed li ma kienx ra lill-attur jaqa' peress li kien qieghed jimxi quddiemu (fol. 54). Qal ukoll li l-attur kellu f'idu *"…. zewg tnalji, mazza u skarpell"*.

[1] Fid-digriet il-qorti ordnat lill-attur sabiex fost'affarijiet ohra jghid *"… (c) x'inhu l-att jew ommissjoni li qieghed jattribwixxi lill-konvenuta. F'dan ir-rigward ghandu jaghti taghrif car u mhux jaghmel xi dikjarazzjoni generika"* (fol. 8).

L-oneru tal-prova hu fuq l-attur. Sabiex l-attur jirnexxi fil-kawza li ppropona kellu jaghti prova li:-

1. Fic-cirkostanzi l-principal kellu dmir lejh;
2. Il-konvenuta kisret dmir legali billi wettqet ommissjoni;
3. Kienet l-ommissjoni tal-konvenuta li tat lok biex l-attur wegga' u sofra l-hsara;
4. L-attur soffra danni b'rizultat tan-nuqqasijiet tal-konvenuta;

L-incident sehh fit-triq u jirrizulta li l-attur kien liebes *safety shoes*. Ghalkemm kellu xi ghodda f'idu, dan m'ghandu x'jaqsam xejn mal-waqa'. F'kull kaz kien l-attur li ghazel li johrog bl-ghodda f'idejh minflok juza l-kaxxa tal-ghodda li kien hemm fil-vann. Fir-rapport tal-incident u applikazzjoni ghall-beneficcju lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali (fol. 70), l-attur iddikjara: ***"Hrigt mill-blokk tal-flats u zlaqt"*** (fol. 71). M'huwiex maghruf x'wassal biex l-attur zelaq. 'Il fatt li l-attur zelaq ma jfissirx li *".... Huwa ntbaghat jahdem f'ambjent li kien fih periklu u riskju ghas-sahha"* (ara nota tal-attur a fol. 16). M'hemm l-ebda prova li fejn waqt l-attur kien jezisti xi periklu[2].

Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attur qal li fil-post fejn sehh l-incident ma kienx hemm *supervisor* jew persuna ohra biex tizgura li l-post fejn qieghed jahdem l-attur kien *"in a condition that is-safe"*. L-attur ma waqax waqt li kien fil-fond fejn hadem, izda meta kien fuq il-bankina[3]. 'Il fatt li persuna taqa' waqt li tkun qeghda timxi ma jfissirx li jezisti periklu.

F'dan ix-xenarju l-qorti ma tistax tikkonkludi li l-attur irnexxielu jipprova li l-incident sehh tort tal-konvenuta, gialadarba ma ressaq l-ebda prova li kien hemm xi nuqqas min-naha tal-principal. Lanqas m'hemm provi li jistghu jwasslu lill-qorti biex tikkonkludi li:-

i) kien prevedibbli ghall-konvenuta li jigri incident bhal dak li sehh fil-11 ta' Novembru 2009.
ii) l-konvenuta ammettiet xi responsabilta. Ghalkemm hu minnu li saret l-*Employer's Liability Accident Report Form*, b'daqshekk ma jfissirx li l-konvenuta ammettiet ir-responsabbilta ghal dak li gara.

**Ghal dawn il-motivi tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni u tichad it-talbiet tal-attur bl-ispejjez kollha kontra tieghu**.

Anthony Ellul.

[2] L-attur xehed: *"Kif irfist fit-triq waqajt"* (fol. 37).
[3] Ara *Employer's Liability Accident Report Form* li mtliet meta nghata avviz tal-incident lill-kumpannija assiguratrici, fejn fiha jinghad: *"Slipped while walking on pavement"* (fol. 68).